MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 234/2005

**John Montebello**
**(K.I. Numru 854751 M)**

**Vs**

**Gaetano Desira**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta mitejn u sbatax-il lira sitta u tletin centezmu (Lm217.36) rapprezentanti valur ta' hsarat kagunati fil-vettura tal-attur numru TFC 152 f'incident stradali li sehh fil-21 ta Lulju 2004 gewwa d-dahla ta San Tumas Zejtun meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru EAU 073 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli kif jidher mit-Traffic Accident report anness u markat Dok A.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 8 ta’ Marzu 2005 fejn ikkontesta ir-responsabbilita` tal-incident in kwistjoni stante li jallega li l-htija tal-istess ghandha taqa’ fuq l-istess attur.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

L-incident in kwistjoni sehh bejn zewg vetturi mixjin fid-direzzjoni opposta ta’ xulxin. Kif waslu ma genb xulxin, Rueben Montebello li kien riekeb passiggier mal-attur ighid li l-konvenut laqtilhom il-mera, huma waqfu u pero l-konvenut baqa’ miexi sakemm laqat il-parti ta’ wara.

Minn naha l-ohra l-konvenut ighid li t-triq fuq in-naha tieghu djieqet permezz ta’ barriers li tpoggew sabiex jipprotegu l-konkos kif kien ghadu kemm inghata. Appena qabez l-imsemmija barriers tfacca l-vann tal-attur li kien miexi “fast, qawwi” laqat il-bankina u mmolla ghal fuqu. Huwa jghid li kien miexi bil-mod ferm tant li huwa kien f’telgha u t-triq kienet qed tidjieq. Huwa jallega li ma jistax ikun li l-ewwel laqathom bil-mera peress li din qieghdha fil-gholi. Dan jirrizulta minnu mir-ritratti esebiti. Jikkonferma li l-barriers kienu fuq in-naha tieghu u meta l-impatt sehh hekk kif appena qabez l-istess barriers huwa kien ghadu ma dahalx il-gewwa.

Mir-ritratti esebiti pero jigi osservat li l-konvenut kien ghadu ma qabizx kompletament il-barriers fil-mument tal-impatt. Jigi rilevat ukoll li meta vettura ssib tirrinfaccja ostakolu fuq in-naha taghha tat-triq, huwa fl-obbligu taghha u mhux ta’ min gej bil-kontra biex icedi. Illi jidher mill-istess skizz u ritratti esebiti illi l-ispazju mnejn ighaddi l-vann tal-attur u l-bowser tal-konvenut kien millimetriku minhabba l-imsemmija barriers. Illi ghalhekk fil-kaz in

ezami l-konvenut li gie affaccjat minn sitwazzjoni fejn il-karreggjata tieghu djieqet minhabbba l-barriers kien fl-obbligu li jara li t-traffiku minn faccata kien hieles qabel ma jissokta biex ighaddi biswit l-imsemmi ostakolu halli hu stess ma johloqx ostakolu ghal haddiehor.

Illi jidher li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni oltre ghall-fatt li dawn jinsabu ampjament ippruvati tramite d-dokumenti esebiti u x-xhieda tal-attur bil-gurament tieghu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kwindi jiddikjara li l-konvenut Gaetano Desira kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma rikjesta ta' mitejn u sbatax-il lira sitta u tletin centezmu (Lm217.36) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------